MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru 647/2000

**Il-Pulizija
(Sp. Dennis Theuma)
(Sp. Simon Galea)**

**v**

**Darren Camilleri ta’ 19 sena iben Joseph Camilleri
u Rita nee Muscat imwieled Pieta’ 31/01/1981
u residenti 59, Flat 4, Triq il-Konservatorju, Floriana
u bin-numru tal-identita’ 104181 (M)**

**Deborah Farrugia bint Dorothy nee Farrugia ta’ 16
Sena imwielda Pieta’ 29/06/1984 u residenti
Entrance E, Flat 7, Triq il-Konti J. A. ciantar Binja
Vista
B’Kara detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru
346284 (M)**

**Justine Muscat ta' 23 sena bint Carmel u mary Carmen nee Camilleri imwielda San Giljan 13/05/1977, u residenti Block 15, Door B, Flat 12 R. Caruana Dingli Street, San Gwann u bin-numru tal-identita' 286977 (M)**

**Julian Sant ta' 25 sena iben Carmelo u Josephine nee Cutajar imwieled Pieta' fil-5/08/1975, residenti No. 59, Flat 3, Triq il-Konservatorju, Floriana u bin-numru tal-identita' 463175 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Darren Camilleri, Deborah Farrugia, Justine Muscat, Julian Sant li gew akkuzati kif imsemmi hawn taht:

Darren Camilleri talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Gunju, 2000 fi Triq Domenico Cachia B'Kara hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli specifikament karozza tal-marka Renault 19 bin-numru ta' registrazzjoni DAO-692, liema hsara teccedi l-Lm 500 u dan bi ksur tal-artikolu 325(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Deborah Farrugia, Justine Camilleri u Julian Sant akkuzati talli b'komplicita' fl-istess reat u dan ai termini tal-artikolu 42(a, b, c, d, e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Deborah Farrugia akkuzata wahedha talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Gunju, 2000 u fix-xhur ta' qabel saqet diversi vetturi minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minghajr licenzja specifika ghall-istess vetturi u b'hekk ma kinitx koperta b'polza tas-sigurta' ghar-riskju ta' terzi persuni.

Rat li fil-5 ta' Dicembru, 2007 l-Ufficjal Prosekutur talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Justine Muscat u l-Qorti laqghet it-talba. **Ghaldaqstant din is-sentenza hi biss fil-konfront ta' Justine Muscat.**

Rat li Justine Muscat irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Rat li l-istess Justine Muscat ikkonfermat l-ammissjoni minnha registrata.

Rat l-artikolu 325, 42 u 31 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset li, kif iddikjarat mill-Ufficjal Prosekutur, id-danni kollha thallsu.

Rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------